MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 587/2001/1

**Avviz Nru 587/01 DM**

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Wands Limited abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni u tal-ligi**

**vs**

**Gollcher Company Limited bhala rappresentanti ta’ Odino Valperga S.p.A. u bhala rappresentanti tal-armaturi/charterers tal-bastiment Lince u bhala operaturi tal-Bonded Stores ta’ Hal Farr**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma komplessiva ta’ Lm299.10 mitejn u disa u disghin lira Maltin u ghaxar centezmi jew somma ohra verjuri li tigi likwidata mill-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi, rappresentanti

nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata taghhom u spejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura w il-kustodja tal-konvenuti, jew min minnhom, liema merkanzija waslet Malta fuq il-bastiment Lince fit-19 ta’ Gunju 2000, liema danni digia thallsu mis-socjeta attrici.

Bl-imghax legali mid-data tar-rappresentata tal-avviz u bl-ispejjez kontra l-konvenuti, jew minn minnhom, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Gollcher Company Limited fejn eccipew illi:-

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huma mhumiex responsabbli ghall-hsarat u/jew nuqqasijiet lamentati;
2 Subordinatament u minghajr pregjudizzju tal-premess, kwalunkwe ammont ta’ danni li jista’ jigi likwidat favur l-atturi ghandu jigi limitat ai termini tal-klawsoli u kondizzjonijiet vigenti fil-polza ta’ kariku relattiva li jirregolaw il-garr ta’ merkanzija de quo;
3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-kumpanija attrici jirrizulta ampjament illi, meta giet biex tigi rilaxxata l-merkanzija importata mill-Kumpanija Wands Limited lill-agenti tal-istess kumpanija, din instabet li kellha diversi flixken tal-inbid neqsin u li, flimkien mas-survey fee, ammontaw ghal valur ta’ danni fl-ammont ta’ Lm299.10 ( mitejn u disa’ u disghin lira Maltin u ghaxar centezmi).

Dwar il-fatt li nstabu flixken neqsin qabel ma l-merkanzija kienet giet irtirata mill-importaturi Wands ma hemmx kontestazzjoni. Infatti huwa kkonfermat kemm mill-ufficjali tad-dwana kif ukoll mir-rapprezentant tal-kumpanija konvenuta.

Billi meta l-merkanzija kienet giet irtirata minghand il-produtturi 'Fontanafredda' ma kien ebda accen ghal xi nuqqassijiet, tenut kont tal-'packing list' (a fol 25 tal-process), ghandu jigi ritenut illi l-merkanzija kollha ndikata fil-'packing list' dokument BV7 (a fol 25 tal-process) giet ikkonsenjata f'idejn il-konvenuti jew l-agenti taghhom skond l-istruzzjonijiet tal-importaturi Wands.

Billi kif jirrizulta mid-deposizzjoni ta' George Micallef li huwa Finance and Administrativa Manager mal-kumpanija Wands, l-inkarigu ghat-trasport tal-merkanzija mill-fabbrika sal bonded stores f'Malta kienet moghtija esklussivament lill-kumpanija Gollcher Company Limited hija dina l-kumpanija illi ghandha tkun tenuta responsabbli ghall kwalunkwe nuqqassijiet li setghu graw minn meta hadu l-pussess tal-merkanzija sakemm ikkonsenjawa lill-importaturi.

Billi l-importaturi ma kienux indahlu fl-operat tal-kumpanija konvenuta, li ghalhekk kienet fil-liberta' illi taghmel uzu minn kwalunkwe kuntratturi ohra sabiex tezegwixxi l-inkarigu tat-trasport moghti lilha, din il-kumpanija konvenuta, Gollcher Company Limited, ghandha tkun ritenuta risponsabbli wkoll ghal kwalunkwe nuqqasijiet li setghu graw meta l-merkanzija kienet fil-pussess tal-agenti taghhom u ta' kuntratturi ohra mqabbdin minnhom, dejjem salv id-dritt tal-istess kumpanija Gollcher li titlob ir-risarciment tad-danni jekk ikun il-kaz.

Ghalkemm il-konvenuti, fit-tieni eccezzjonijiet taghhom, ghamlu accenn ghal xi limitazzjoni fl-ammont ta' danni li jista' jkun regolat b'xi kundizzjoni jew klawsola fil-polza ta' karigu, matul il-kors ta' dawn il-proceduri ma ndikaw ebda tali klawsola jew kundizzjoni li tista' tinfluwixxi fuq l-ammont li qieghed jigi mitlub mill-atturi.

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lill-kumpanija konvenuta kif citata sabiex thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm299.10 (mitejn disa' u disghin lira Maltin u ghaxar centezmi) bl-imghax legali mit-18 ta' Gunju 2001;

Bl-ispejjez kontra l-kumpanija konvenuta.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep Reg Civ48